MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru. 973/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs.**

**Andrew Formosa**

**Kumpilazzjoni Numru 973/2011**

**Illum 23 ta' Jannar 2012**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat Andrew Formosa ta' sebgha u ghoxrin (27) sena bin Joseph u Helen nee' Zammit, imwieled il-Pieta', nhar id-19 ta' Lulju 1984, residenti gewwa l-Bini tal-Gvern, Entratura 186, Flat 8, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 356484(M) akkuzat talli:

---

[1] *Fol.* 21 u 24 tal-process.

F’xi hin bejn l-ghaxra ta’ bil-lejl (22:00) ta’ nhar it-28 ta’ Mejju 2011 u t-tlieta u nofs ta’ filghodu (03:30) ta’ nhar id-29 ta’ Mejju 2011, minn gewwa Triq il-Liebru, Swieqi, kkommetta serq ta’ oggetti minn gewwa vettura tat-tip Peugeot 106, bin-numru tar-registrazzjoni DAM 426, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tlieta mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Frederick Philips u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kkaguna hsarat fuq vettura tat-tip Peugeot 106, bin-numru tar-registrazzjoni DAM 426, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta’ Frederick Philips u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli nhar f’xi hin bejn il-hamsa  u nofs ta’ filghodu (05:30) u t-tlieta ta’ wara nofs inhar (15:00) ta’ nhar it-18 ta’ Ottubru 2005, minn gewwa l-Qasam Industrijali ta’ San Gwann, ikkommetta serq ta’ oggetti minn gewwa vettura tat-tip Toyota Vitz, bin-numru tar-registrazzjoni HBB753, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Esmeralda Law u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kkaguna hsarat fuq vettura tat-tip Toyota Vitz, bin-numru tar-registrazzjoni HBB 753, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn elf mija u

erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) izda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Esmeralda Law u/jew persuna jew persuni ohra;

Talli ikkommetta reati ta natura volontarja li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposta fuqu b'sentenzi datati is-26 ta' Settembru 2005 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D.;

Talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata id-9 ta' Jannar 2009, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. u l-20 ta' Mejju 2011 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Onor Michael Mallia;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma' l-imputat Andrew Formosa bhala li huma ricediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.
Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li fit-23 ta' Awissu 2011[2] l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u li hu kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat il-*Pre-Sentencing Report*[3] tal-*probation officer* Ivan Sultana.

**Ikkunsidrat**

---

[2] *Fol* 26.
[3] *Fol.* 133.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-istess imputat. Il-Qorti ser tiehu wkoll in konsideazzjoni bir-reqqa l-*pre-sentencing report* tal-*probation officer* u l-fatt li l-imputat ghandu problema tad-droga.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja l-kliem uzat mill-Qorti tal-Appelll Kriminali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Mejju 2011 (Dok. "KA 11"- *fol.* 71) u minkejja li l-Qorti msemmija kienet varjat sentenza ta' prigunerija ghal dik ta' *probation*, l-imputat jidher li ma fehemx dak li nghad mill-Qorti tant li tmint'ijiem wara, cioe' fil-lejl ta' bejn it-28 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Mejju 2011, rega' kkommetta serqa, li tinsab imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-akkuzi mismugha minn din il-Qorti kif preseduta.

Illi l-imputat nghata diversi cansijiet sabiex jibda mixi fit-triq it-tajba pero dawn ic-cansijiet ma hadhomx u b'hekk il-Qorti, minkejja li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva, thoss li l-imputat ghandu jinghata kull ghajnuna necessarja sabiex jeghleb il-problema tad-droga

Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 267, 270, 271(g), 289, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446

tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Andrew Formosa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

- fir-rigward tal-imputazzjonijiet indikati fl-ewwel (1), fit-tieni (2), fit-tielet (3) u fir-raba’ (4) paragrafi tal-akkuzi tikkundannah ghall-perijodu ta’ tletin (30) xahar prigunerija;

- fir-rigward tal-imputazzjoni ndikata fil-hames (5) paragrafu tal-akkuzi, l-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputat ghar-reati li dwaru kien inghata sentenza ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni;

- fir-rigward tal-imputazzjoni ndikata fis-sitt (6) paragrafu tal-akkuzi, l-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputat ghar-reati li dwarhom kienu saru l-ordinijiet ta’ *probation* fid-9 ta’ Jannar 2009 u fl-20 ta’ Mejju 2011, li mid-decizjonijiet ezebiti jirrizulta li kienu ta’ perijodu ta’ tlett (3) snin, izda tikkonferma dawk l-istess *Probation Orders.* Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car l-effetti ta’ din id-decizjoni partikolari u a tenur ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta mill-gdid spjegatlu l-konsegwenzi legali jekk hu jerga’ jikkometti u jigi misjub hati ta’ reat waqt il-perijodu operattiv ta’ dawn il-*Probation Orders.*

In fine, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni esperessa lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex minhabba l-problema ta’ droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista’ jibda, isegwi u jispicca l-programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Kopja ta’ din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation Services* u lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------